11 ta' Ottubru, 1949.

Imhallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

*Francesco Giuseppe Wismayer et. versus Rinaldo Wismayer et.*

**Arbitraġġ — Impunjazzjoni — Formalitajiet — Atti Ġudizzjarji — Nullità — Trasfużjoni tal-Proċeduri — Publikazzjoni — Art. 792, 980 u 983 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*F'kawża ta' impunjazzjoni ta' arbitraġġ l-arbitru ma għandux interess; u għalhekk jekk l-arbitru jiġi mħarrek "għall-interess li jista' jkollu", huwa għandu jiġi maħruġ barra mill-kawża.*

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid illi l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-atti ġudizzjarji ma tistax tingħata meta l-parti li tagħtiha tkun baq-*

*għet tagħmel, jew, għax li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru, attijiet oħra wara mingħajr ma eċċepiet dik in-nullità, tirrigwarda proċeduri li jkunu għadhom sejrin, u mhux dawk li jkunu kompliti u eżawriti. Għaldaqstant dik id-dispożizzjoni mhix applikabbli għan-nullità ta' deċiżjoni arbitrali, għax bid-depożitu tad-deċiżjoni l-arbitraġġ ġie eżawrit, u l-kritika tiegħu ma hix kontinwazzjoni ta' l-arbitraġġ, u ebda sanatorja ma ġġib tan-nullità, meta u jekk ikun hemm lok ta' xi nullità.*

*Jekk fl-att ta' l-arbitraġġ ma tkunx ġiet stabbilita ebda formalità, l-arbitru jista' jiffissa huwa stess il-formalitajiet.*

*Għaldaqstant il-fatt li d-deċiżjoni arbitrali tiġi miktuba bl-Ingliż, minflok bil-Malti, ma jġibx nullità ta' dik id-deċiżjoni jekk il-partijiet ma sofrew ebda preġudizzju bl-użu ta' dik il-lingwa billi huma jkunu jafu bl-Ingliż.*

*L-ommissjoni ta' l-isem ta' missier il-partijiet u ta' fejn joqogħdu tirrigwarda wieħed mir-rekwiżiti espressament stabbiliti mill-liġi; kif tirrigwarda rekwiżit ieħor tal-liġi l-ommissjoni tat-tismija ta' l-att ta' l-arbitraġġ. Imma għal din ta' l-aħħar tista' tissupplixxi riferenza għall-kitba ta' l-arbitraġġ, jekk din tkun ġiet meħmuża u depożitata flimkien mad-deċiżjoni arbitrali. U fiż-żewġ każijiet, għalkemm hemm vjolazzjoni ta' forma, ma hemmx nullità tad-deċiżjoni arbitrali, jekk ebda preġudizzju ma sofrew il-partijiet b'dik il-vjolazzjoni ta' forma.*

*Lanqas ma hija nulla d-deċiżjoni ta' l-arbitru jekk wieħed mill-partijiet imut u ma ssirx it-trasfużjoni tal-proċeduri fil-persuna tal-werrieta tiegħu, meta werrieta jkunu l-partijiet l-oħra fil-proċeduri, u dawna jkunu aċċettaw mill-ewwel il-wirt ta' dak il-mejjet.*

*Imma l-publikazzjoni tad-deċiżjoni arbitrali antecedentement għad-depożitu tagħha hija wieħed mir-rekwiżiti li fis-sistema tal-liġi proċedurali tagħna huwa essenzjali; u l-inosservanza ta' dak ir-rekwiżit iġġib in-nullità tad-deċiżjoni arbitrali. Il-konsenja privata ta' kopja tad-deċiżjoni mill-arbitru lill-partijiet qabel id-depożitu ma tistax tekwivali għall-publikazzjoni li trid il-liġi.*

L-attur fit-taħrika qalu illi bi skrittura tas-6 ta' Ġunju 1946 (dok. A) l-attur u Roger Wismayer minn parti waħda, u l-konvenut Rinaldo Wismayer mill-parti l-oħra, ittransiġew il-kawża li kien hemm quddiem dina l-Qorti (ċitazzjoni nru. 137 ta' l-1946, ċeduta fit-18 ta' Ġunju 1946), billi xoljew il-

komunjoni fil-legat tad-ditta "Gius. di R. Wismayer", u mell-kanzija u affarijiet oħra appartenenti lil dina d-ditta, li kien ħalla lit-tliet aħwa Ruggiero, Francesco Giuseppe u Rinaldo Wismayer, missierhom Giuseppe, bit-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Enrico Saydon tas-7 ta' Lulju 1937, u ftehmu illi d-ditta tibqa' minn dak in-nhar a favur ta' Ruggiero u Francesco Giuseppe Wismayer, illi ħallsu lill-konvenut Rinaldo Wismayer is-somma ta' £600 akkont ta' sehmu ta' l-imsemmi legat, u innominaw arbitru lill-konvenut Paolo Busuttil biex jistabbilixxi l-valur tas-sehem tal-konvenut fl-imsemmi legat, kompriżi l-avvjament u l-profitt sal-ġurnata tat-transazzjoni, il-valur tal-merkanzija, u dak kollu li jifforma l-oġġett tal-legat, u obligaw ruħhom li jaċċettaw ir-rapport illi jagħmel l-imsemmi Paolo Busuttil, salva l-korrezzjoni ta' kwalunkwe żball ċar u evidenti illi jista' jkun hemm; u qalu, illi fis-7 ta' Marzu 1948 miet Ruggiero Wismayer, u l-attijiet ma ġewx leġittimati; u qalu illi l-imsemmi Paolo Busuttil ikkonsenja lill-partijiet il-"lodo" tiegħu fit-3 ta' Mejju 1948, u wara żmien, ċjoè bl-ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Gunju 1948, iddepożitah fir-Reġistru ta' dina l-Qorti, u l-attur b'ittra uffiċjali tat-8 ta' Mejju 1948 (dok. E.F.), u l-konvenut b'ittra uffiċjali tal-10 ta' Mejju 1948 (dok. C), ma aċċettawx il-konklużjonijiet tal-lodo, imma in segwitu l-konvenut, b'ittra uffiċjali tal-14 ta' Gunju 1948 (dok. B), interpella lill-atturi biex iħallsu s-somma ta' £1312. 16. 6, a saldu tas-somma ta' £2364. 8. 5, terza parti tas-somma likwidata mill-arbitru fil-lodo tiegħu tat-3 ta' Mejju 1948; u ssuktaw igħidu illi l-imsemmi lodo huwa null u ta' ebda effett, billi fl-atti tal-kompromess u fil-lodo ma jinsabux indikati l-partikularitajiet tal-partijiet li trid il-liġi, billi wara l-mewt ta' Ruggiero Wismayer l-attijiet ma ġewx leġittimati, u billi ma ġiex depożitat u ppublikat skond il-liġi, u għaliex ġie magħmul bil-lingwa Ingliża, u għar-raġunijiet oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; u talbu li, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat u deċiż illi l-lodo ta' Paolo Busuttil tat-3 ta' Mejju 1948, għall-imsemmijin raġunijiet, huwa null u ta' ebda effett legali; salva kwalunkwe azzjoni oħra a favur ta' l-atturi għall-korrezzjoni ta' l-iżbalji kontenuti fl-istess lodo. Bl-ispejjeż, kompriżi

dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-8 u tas-16 ta' Mejju 1948, u tal-protest tas-17 ta' Ġunju 1948, kontra l-konvenut;

*Omissis:*

Qabel xejn il-Qorti tirrileva li l-konvenut Paolo Busuttil ġie mħarrek "jekk jidhirlu li għandu interess". Huwa stess fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet iddikjara li interess ma għandux; u peress illi l-kwistjoni tan-nullità ta' l-arbitraġġ tista' tinteressa u taffettwa biss lil dawk li għalihom sar l-arbitraġġ, fil-fehma tal-Qorti l-konvenut Busuttil tabilħaqq ma għandux interess; u għandu jiġi liberat u maħruġ barra mill-kawża;

Mid-dokumenti eżibiti u mill-att tad-deċiżjoni arbitrali jirriżulta li b'kitba privata tas-6 ta' Ġunju 1946, l-atturi u l-konvenut Rinaldo Wismayer, flimkien ma' ħuhom Roger illum mejjet, ftehmu, fost ħwejjeġ oħra, li "jinnominaw lis-Sur Pawl Busuttil, illi jaċċetta, bħala arbitru biex jistabbilixxi l-valur tas-sehem ta' l-imsemmi Rinaldo fl-imsemmi legat, kompriżi l-avvjament u l-profitti sal-lum, il-valur tal-merkanzija, u dak kollu illi huwa oġġett tal-legat. Il-partijiet jobligaw ruħhom illi jaċċettaw ir-rapport ta' likwidazzjoni illi jagħmel is-Sur Pawl Busuttil, salvo korrezzjoni ta' kwalunkwe żbali ċar u evidenti illi jista' jkun hemm";

Minn dana jidher illi l-partijiet riedu stima, u rieduha magħmula minn terza persuna biex joqogħdu għaliha. U peress li fuq l-istima evidentement kien hemm xi kwistjoni bejnethom, taw l-inkariku ta' l-istima lil Busuttil bħala arbitru. Meta Busuttil lesta x-xogħol tiegħu, huwa beda biex jippreżenta kopja tad-deċiżjoni tiegħu lill-partijiet, u aktar tard iddepożita d-deċiżjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti, b'nota tal-4 ta' Ġunju 1948;

Fl-att ta' l-arbitraġġ ma kienux ġew stabbiliti l-formalitajiet; u għalkemm il-partijiet kienu lkoll maltin, kompriż l-arbitru, dana kiteb id-deċiżjoni tiegħu bl-Ingliż. Publikazzjoni vera u proprja ma saretx — evidentement għax l-arbitru deherlu, tajjeb jew ħażin, li dina saret biżżejjed bil-konsenja tal-kopja lill-partijiet. Fil-korp tad-deċiżjoni ma ġietx imniżżla t-tismija ta' l-att ta' l-arbitraġġ, iżda saret riferenza għall-kitba privata, li ġiet depożitata mad-deċiżjoni; u l-indikazzjoni ta' isem il-missier tal-partijiet u ta' fejn joq-

għodu ġier imħoliija barra għal kollox. Barra minn dan, fis-7 ta' Marzu 1948 miet Roger Wismayer, waħda mill-partijiet, u t-trasfużjoni tal-ġudizzju ma saretx. Fuq dan kollu l-atturi jippretendu li d-deċiżjoni arbitrali hija nulla;

Iżda billi l-attur, b'ittra uffiċjali u per mezz tad-difensur tiegħu, ikkontesta r-riżultanzi ta' l-arbitraġġ, il-konvenut Wismayer jippretendi li l-atturi l-lum ma jistgħux jimpunjaw id-deċiżjoni arbitrali, għax preklużi mit-tieni taqsima ta' l-art. 792 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Il-Qorti tosserva li dik id-dispożizzjoni tal-liġi mhijiex applikabili għan-nullità tad-deċiżjoni arbitrali, għax dik tirrigwarda proċeduri li jkunu għadhom sejrin, u mhux komplati u eżawriti. Bid-depożitu tad-deċiżjoni, tajjeb jew ħażin, l-arbitraġġ ġie eżawrit, u għalhekk il-kritika tiegħu ma hijiex kontinwazzjoni ta' l-arbitraġġ, u ma ġġibx sanatorja tan-nullità meta u jekk ikun hemm lok ta' xi nullità. Lanqas ma tista' tingħadd b'rinunzja taċita ta' l-eċċezzjoni tan-nullità dik il-kritika li saret, għax l-attur mal-kritika pprotesta li ma riedx joqgħod għal dik id-deċiżjoni;

Fuq il-meritu l-Qorti tirrileva li la darba ebda formalità ma ġiet stabbilita fl-att ta' l-arbitaġġ, l-arbitru seta' jiffissa huwa stess il-formalitajiet (art. 980 Kodiċi Proċedura Ċivili);

Għaldaqstant ma jidhirx li l-fatt li d-deċiżjoni ġiet miktuba bl-Ingliż f'lok bil-Malti jġib xi nullità; għax milli jidher, il-partijiet kienu jafu bl-Ingliż ukoll, u ebda preġudizzju ma sofrew bl-użu ta' l-Ingliż (art. 792 (1) (c) Kodiċi Proċedura Ċivili);

L-ommissjoni ta' l-isem tal-missier tal-partijiet u ta' fejn joqgħodu tirrigwarda wieħed mir-rekwiżiti espressament stabbiliti fil-liġi (art. 983 ibid.), kif tirrigwarda rekwiżit ieħor tal-liġi l-ommissjoni tat-tismija ta' l-att ta' l-arbitraġġ. Iżda għal din ta' l-aħħar kienet tissupplixxi r-riferenza għall-kitba li ġiet meħmuża u depożitata flimkien mad-deċiżjoni. Fiż-żewġ każi ma jidher li kien hemm ebda preġudizzju lill-partijiet, għalkemm vjolazzjoni ta' forma kien hemm. U tabilħaqq, l-assenza ta' dawk l-indikazzjonijiet ma ġiebet ebda ekwivoku jew inċertezza, u lanqas ma hi tali li ma tistax tiġi rimedjata ħlief bl-annullament tad-deċiżjoni. Għaldaqs-

tant ma hemmx lok tan-nullità tad-deċiżjoni għal dik il-kawżali;

Meta miet Roger Wismayer kien hemm lok tat-trasfużjoni tal-proċedura fil-persuna tal-werrieta tiegħu; u dana ma sarx. Iżda l-werrieta tiegħu kienu l-partijiet l-oħrajn, li mill-ewwel ċċettaw il-wirt, u għalhekk l-interess tal-mejjet baqa' rappreżentat u tutelat ugwalment fil-persuna tal-partijiet superstiti, mingħajr ma dawn setgħu jsofru ebda preġudizzju in konsegwenza tan-nuqqas ta' trasfużjoni formali ta' l-arbitraġġ fil-persuna tagħhom għall-interess tad-decujus;

Mill-banda l-oħra, in-nuqqas tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni antecedenti għad-depożitu huwa difett ta' wieħed mir-rekwiżiti li fis-sistema tal-liġi proċedurali tagħna huwa essenzjali, għax ta' ordni publiku; għax fis-sistema tagħna l-pubblikazzjoni hija waħda mill-garanziji ta' l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja; u għalhekk dak ir-rekwiżit huwa inderogabili, u l-inosservanza tiegħu ġġib għan-nullità, għalkemm il-liġi, fejn timponih, ma tgħidx espressament li l-vjolazzjoni tiegħu ġġib is-sanzjoni tan-nullità. F'dak il-każ il-preġudizzju jirrigwarda l-ordni publiku, u ma jistax jiġi rimedjat ħlief bl-annullament. Il-konsenja privata ta' kopja tad-deċiżjoni lill-partijiet antecedentement għad-depożitu ma tistax tekwivali għall-publikazzjoni li trid il-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet, u fis-sens li ntqal aktar 'il fuq, il-Qorti taqta' l-kawża billi toħroġ lill-konvenut Paul Busuttil barra mill-kawża, bl-ispejjeż kontra l-atturi; u tilqa' t-talba in kwantu diretta kontra l-konvenut Wismayer, bl-ispejjeż kontra dan il-konvenut.

---